MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Numru 529/2004

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)

vs

Joseph Zammit

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 543458(M), akkuzat talli:

1. nhar it-18 ta’ Novembru 2000, f’xi hin bejn is-7.00pm u l-11.30pm, fil-Furjana, ikkommetta serq ta’ ghodda minn go vettura tal-ghamla Mazda bin-numru tar-registrazzjoni FAZ542, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm1000), ghad-detriment ta’ Benjamin Stuart;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara lil vettura hawn fuq imsemmija, liema hsara taccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda mhux il-hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-detriment ta' Benjamin Stuart;

3. nhar it-8 ta' Dicembru 2000 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-gzejjer, xjentement b'kull mod li jkun, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

4. nhar it-8 ta' Dicembru 2000, fil-Furjana, wara li kien gie ikkundanat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' hwejjeg misruqa minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif gew legittimament ghandu.

5. sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kap 9, b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni tirrigwarda principalment is-serq; it-tieni akkuza dwar hsara volontarja hi mezz ghal fini waqt li l-akkuza ta' ricettazzjoni hija alternattiva ghal dik principali tas-serq. Hemm apparti l-akkuza tar-recidiva.

Il-fatti juru li fit-18 ta' Novembru 2002 kien sehh zgass ta' vettura tal-marka 'Mazda' u kienu insterqu minn go fiha ghodda u, 'back pack'. Dawn l-oggetti gew I dentifikati

minn sidhom Benjamin James Stuart bhala li kienu nsterqulu mill-vettura.

Mistoqsi fl-istqarrija sabiex jispjega kif l-oggetti, senjatament l-ghodda kienu ghandu, l-imputat stqarr illi kien xtrahom minn xi persuna li ma identifikax ghall-prezz ta’ Lm10.

Mill-provi in atti dak li fil-fehma tal-Qorti jirrizulta hi r-ricettazzjoni. Mill-bqija m’hemmx provi bizzejjed sabiex jissusisti r-reat ta’ serq u lanqas dak rigwardanti l-hsara volontarja anzi dwar din id-derubat xehed li hsara ma kellux.

Mill-bqija tirrizulta r-recediva.

Ghaldaqstant, rat l-Artikolu 334, 49 u 50 tal-Kap 9 abbinat mal-Artikolu 279(a) tal-Kap 9 (l-aggravju tal-valur taht l-Lm1000) u tikkundannah sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------